MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 26/2007

**Grace Vassallo**

**vs**

**Port Cottonera Hotel Development Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Lulju, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"1. Riferenza**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-19 ta' Settembru 2006.

**2. Rapprezentanza**

Grace Vassallo, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet assistita minn Josef Bugeja, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-*General Workers' Union* u mill-Avukata Marvic DeBarro.

Il-kumpanija *Port Cottonera Hotel Dev. Co. Ltd,* li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata mill-Avukat Michael Psaila.

## 3. Fatti fil-qosor tal-kaz

Nhar id-9 ta' Lulju 2006 sehhet attivita` fil-*Casino di Venezia,* Malta, li wasslet lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob biex tirrevoka l-licenzja ghall-operat tal-*Casino.* Minhabba f' din id-decizjoni ta' l-imsemmija Awtorita`, nhar is-17 ta' Lulju 2006, il-kumpanija intimata temmet l-impjieg ta' l-impjegati kollha.

Matul iz-zmien li l-attivitajiet tal-*Casino* kienu wieqfa, il-kumpanija intimata ghamlet analizi ta' l-impjegati kollha taghha u waslet ghall-konkluzjoni illi dawk in-nies li kellhom xi konnessjoni ma' dawk l-individwi li wasslu ghall-gheluq tal-*Casino* u r-rizultanti telf ta' introjtu u r-reputazzjoni tajba kellhom jigu allontanati mill-*Casino* billi jigi tterminat l-impjieg taghhom. Dan kien jghodd aktar meta kienet kwistjoni ta' relazzjonijiet ma' wiehed minn dawk illi kienu responsabbli ghat-tharis tas-sigurta` gewwa l-*Casino* meta sehhew dawn l-incidenti. Ghaldaqstant, nhar il-11 ta' Awissu 2006 il-kumpanija intimata gharrfet lir-rikorrenti, li kienet qieghda tikkonferma t-temma ta' l-impjieg taghha.

## 4. Lista tax-xhieda

Grace Vassallo, Fernando Orlandi, Philip Bonnici u Angele Bartolo kienu xhieda komuni.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrenti esebiet

5.1.1 l-istqarrija tal-kaz.
5.1.2 kopja ta' kuntratt ta' l-impjieg mal-kumpanija Vittoriosa Gaming Limited datat 01.01.04, immarkat Dok. GV1
5.1.3 ittra datata 11.08.06. Dan kien avviz ta' konferma tat-temma ta' impjieg, immarkata Dok. GV2
5.1.4 dokument tal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig datat 7.09.06, immarkat Dok. GV3
5.1.5 dokument tal-Korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig data 18.09.06, immarkat Dok. PB3
5.1.6 dokument tal-Korporazzjoni intimata li juri l-hlasijiet li saru lir-rikorrenti b' rizultat tat-temma ta' l-impjieg flimkien ma' l-FS3, immarkati MDGV2

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet

5.2.1 l-istqarrija tal-kaz
5.2.2 kopja ta' kuntratt ta' l-impjieg mal-kumpanija intimata datat 01.10.04, immarkat Dok. A

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 Angele Bartolo, impjegata bhala *Human Resouces Manager* mal-kumpanija intimata, stqarret li l-impjieg tar-rikorrenti kien mitmum nhar is-17.07.06 flimkien ma' ta' numru ta' impjegati ohra wara li l-Awtorita` dwar il-Loghob u l-Lotteriji rrevokat il-licenzja tal-*Casino*. Matul iz-zmien li l-*Casino* dam maghluq, il-kumpanija nediet process ta' evalwazzjoni ta' l-impjegati kollha taghha u kkonkludiet li r-rikorrenti m' ghandhiex terga' tkun offruta lura l-impjieg li kellha.

6.2 Grace Vassallo, ir-rikorrenti stqarret li wara li kienet ilha fl-impjieg mal-kumpanija *Vittoriosa Gaming Limited* mill-01.01.04 bhala *Catering Operator*, hi bdiet l-impjieg taghha mal-kumpanija intimata nhar l-01.10.04 b’ kuntratt indefinit fuq bazi *whole time* fil-kariga ta’ *Bar Attendant and Waiter*. Ghalkemm ma kienetx taf titkellem bit-Taljan, matul l-impjieg taghha mal-kumpanija intimata hi kienet tinqeda jew bil-Malti jew bl-Ingliz minghajr inkwiet ta’ xejn. Matul ix-xahar ta’ Lulju 2006 hi ghamlet hafna granet bil-*leave* u nhar id-09.07.06 ma kienetx xoghol. Ghalkemm matul ix-xahar ta’ Lulju 2006 ma kienetx qieghda tattendi ghax-xoghol, saret taf li nhar is-17.07.06 il-Casino ghalaq minhabba xi avveniment li sehh fil-konfini tieghu nhar id-09.07.06. Grace Vassallo kkonfermat li hi kienet iz-zija tat-tifla ta’ huha Godwin, tifla li kien ser ikollha tarbija barra z-zwieg minn Edwardo Babato li kien impjegat mal-*Casino* fil-kariga ta' Kap tad-Dipartiment tas-Sigurta'. Nhar is-17.07.06 irceviet ittra fejn kienet mgharrfa li l-impjieg taghha kien qieghed jintemm minhabba r-revoka tal-licenzja tal-*Casino*. Nhar il-11.08.06 irceviet ittra ohra fejn kien konfermat li l-impjieg taghha kien qieghed jigi mitmum definittivament ghal ragunijiet validi skond il-ligi.

6.3 Philip Bonnici, impjegat fil-kariga ta' ufficjal mal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Tahrig, stqarr li l-Korporazzjoni rceviet il-formula statutorja tat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti minghand il-kumpanija intimata, u li kienet tghid li tkecciet mill-impjieg. Philip Bonnici zied jghid li l-Korporazzjoni tistrieh fuq dak li s-sid jikteb fil-formola. Wara, l-Korporazzjoni tgharraf lill-partijiet li kienet waslet il-formola tat-temma ta' l-impjieg. Jekk u meta l-impjegat jattendi biex jirregistra ghax-xoghol il-Korporazzjoni tgharrfu bir-raguni moghtija mis-sid ghat-temma ta' l-impjieg u tirreferih lill-Awtorita' Nazzjonali dwar l-Impjiegi jekk jikkontesta r-raguni ghat-temma ta' l-impjieg. F'dan il-kaz ir-rikorrenti ma attendietx biex tirregistra ghax-xoghol.

6.4 Fernando Orlandi stqarr li hu kellu 60% ta' l-ishma tal-kumpanija *Vittoriosa Gaming Limited* u b'kawza ta' incident li sehh fil-*Casino di Venezia,* Malta, nhar id-09.07.06, l-Awtorita` dwar il-Loghob u l-Lotteriji rrevokat il-licenzja tal-*Casino* ghal xi zmien, sakemm tkun sodisfatta li jkunu saru l-bidliet li dehrilha mehtiega biex terga' tinghata l-licenzja. Minhabba n-natura tax-xoghol ta' *Casino* l-impjegati kollha jehtieg li jgawdu l-fiducja tas-sid. Meta fl-24.12.05 beda jaghmel parti mill-kumpanija *Vittoriosa Gaming Limited* sab sitwazzjoni nieqsa ghall-ahhar minn professjonalizmu fil-qasam tas-sigurta`. Dan ghaliex il-Maltin kienu jahbu l-izbalji tal-Venezjani u vici versa. Kien hemm serq ta' prodotti u l-impjegati fid-dipartiment tas-sigurta` kienu jaghmlu xoghol mhux taghhom u xoghol konflingenti mal-kariga li kellhom. Irrizultalu li Grace Vassallo kienet iz-zija tat-tfajla tal-Kap tas-Sigurta` Edwardo Babato, u li minnha kien ser ikollu tarbija barra z-zwieg. Hu ha l-okkazjoni tar-revoka tal-licenzja, biex jirranga s-settur ta’ l-ikel u x-xorb u ghal dan il-mottiv iddecieda li ma jergax joffri l-impjieg lura lir-rikorrenti.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Michael Psaila f’isem il-kumpanija intimata stqarr li

- ir-rikorrenti bdiet tahdem mal-kumpanija intimata nhar l-01.10.04 fil-kariga ta' *Bar Attendant and Waiter* fil-*Casino di Venezia*, Malta, fuq kuntratt ghal zmien indefinit.
- il-maggoranza tal-klijenti huma ta’ Nazzjonalita` Taljana u ghaldaqstant hu indispensabbli li l-impjegati li jkollhom kuntatt dirett mal-klijenti jkun kapaci jikkomunikaw maghhom;

- minhabba li kif stqarret l-istess rikorrenti hi ma tafx titkellem bit-Taljan, kellha problema serja ta’ komunika.
- in-neputija tar-rikorrenti bdiet relazzjoni intima ma’ Edoardo Babato li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta’ Kap tas-Sigurta` tal-*Casino di Venezia,* Malta. Tant hu minnu dan, li din ir-relazzjoni wasslet ghat-twelid ta’ tarbija barra z-zwieg.
- lanqas din ir-relazzjoni intima ma kienet problematika ghall-kumpanija. Il-problema rrizultat meta minhabba allegat nuqqas ta' responsabbilta' min-naha ta' Edoardo Babato, il-*Casino* tilef il-licenzja.
- f’dawn ic-cirkustanzi l-kumpanija intimata terminat l-impjieg ta’ l-impjegati kollha.
- matul iz-zmien li l-Casino kien maghluq, id-diretturi ghamlu analizi ta’ l-impjegati kollha u kkonkludew li dawk l-impjegati li kellhom konnessjoni ma’ dawk l-individwi li wasslu ghall-gheluq tal-Casino, jintemmilhom l-impjieg.
- minhabba t-telf ta’ fiducja li rrizulta fir-relazzjoni bejn il-kumpanija intimata u r-rikorrenti fid-dawl ta’ dan kollu, il-kumpanija applikat il-provvedimenti ta’ l-artikolu 36 (14).
- minbarra n-nuqqas ta’ kapacita` ir-rikorrenti ma kienetx idonea ghall-kariga ta’ *Bar Attendant and Waiter*.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukata Marvic Debarro f’isem ir-rikorrenti stqarret li

- ir-rikorrent kienet bdiet l-impjieg taghha mal-kumpanija intimata fis-sena 2001, u fl-01.10.04 inghata il-kariga ta’ *Bar Attendant and Waiter*.
- nhar id-09.07.06 sehhet attivita` fil-*Casino di Venezia,* Malta, li wasslet lill-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Loghob biex tirrevoka l-licenzja ghall-operat tal-*Casino*.

Meta l-licenzja kienet restitwita r-rikorrenti ma kienetx offruta l-impjieg lura.

- dak in-nhar tad-09.07.06 ir-rikorrenti kienet bil-*leave* u ma ppartecipatx f' dak kollu li sehh fil-*Casino*.
- l-allegazzjoni li saret li r-rikorrenti ma kienetx idonea ghall-kariga minhabba n-nuqqas ta' abbilta` komunikattiva ma kinitx ippruvata.
- kif jirrizulta mix-xhieda ta' Angele Bartolo it-temma ta' l-impjieg sehhet minhabba r-relazzjoni familjari bejn ir-rikorrenti u huha Godwin Vassallo, u dik intima bejn in-neputija taghha - bint Gowdin Vassallo - u Edoardo Babato li allegatament kienu nisslu tarbija barra z-zwieg.
- Edoardo Babato rega' nghata lura l-licenzja mill-Awtorita` kompetenti, izda fuq kollox Edoardo Babato mhux parti f' dan il-kaz.
- it-temma ta' l-impjieg ma segwietx opportunita` ta' difiza.
- il-fatt li r-rikorrenti ma kkontestatx ma' l-Awtorita` kompententi r-raguni ghat-temma ta' l-impjieg, ma tistax tiggustifika t-tkeccija sempliciment minhabba l-fatt li r-rikorrenti ma kienetx taf l-obbligi taghha.
- hemm diversi awturi u decizjonijiet li jimmitigaw favur ir-rikorenti
- fid-dawl ta' dan kollu r-rikorrenti tkecciet ingustament u ghandha tinghata kumpens xieraq

## 8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Meta nhar l-01.10.04 il-kumpanija intimata bidlet il-kariga tar-rikorrenti minn dik ta' *Catering Operator* ghal *Bar Attendant and Waiter* kienet konxja tal-fatt li r-rikorrenti ma kinitx taf titkellem bit-Taljan. Jekk il-kumpanija intimata ma kinitx taf dan, allura l-process ta' l-ghazla kien immankat u r-responsabilita ta' din il-mankanza hi tal-kumpanija intimata. F' kaz li jigri hekk it-Tribunal Industrijali

jifhem li minflok tistenna zmien ta' disa' xhur biex tikkwota din il-mankanza bhala wahda mir-ragunijiet ghat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti, kien ikun wisq aktar korrett u gest ta' sensitivita` umana kieku l-kumpanija intimata wzat iz-zmien biex tharreg lir-rikorrenti biex titghallem frazijiet li ghandhom uzu komuni fix-xoghol taghha. L-alternattiva l-ohra kienet li tinghata kunsiderazzjoni jekk ikunx ahjar li r-rikorrenti tinghata l-kariga li kellha qabel dan il-kuntratt.

It-tieni raguni li ngiebet mill-kumpanija intimata ghat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti kienet li fil-waqt li kien hemm relazzjoni intima bejn in-neputija tar-rikorrenti u l-Kap tad-Dipartiment tas-Sigurta` tal-kumpanija intimata, Edoardo Babato, dan ta' l-ahhar inzamm responsabbli ghall-irtirar tal-licenzja tal-*Casino*.

Jirrizulta mill-provi li l-kumpanija intimata ma kellha ebda politika biex tirregola l-impjieg gdid ta' persuni li jkunu jigu minn xulxin, u wkoll biex tirregola intimita' li tirrizulta bejn impjegati jew ma' terzi waqt l-impjieg. Jirrizulta wkoll mill-provi li l-kumpanija intimata kienet taf bir-relazzjoni intima ta' Edoardo Babato man-neputija tar-rikorrenti u ma ghamlet ebda oggezzjoni. Kien biss meta Edoardo Babato tilef il-licenzja li l-kumpanija intimata agixxiet kontra r-rikorrenti.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali

9.1 wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti ghar-ragunijiet moghtija ma saritx ghal raguni gusta u bizzejjed.

9.2 jordna lill-kumpanija intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebat elef, erba' mija u

> erbgha u sebghin Liri Maltin (Lm7,474) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir f' erba' pagamenti ndaqs u konsekuttivi kull xahar, bl-ewwel pagament isir nhar il-31 ta' Awissu 2007.
>
> Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta Erbghin Liri Maltin (Lm40)."

Is-socjeta` intimata appellat mis-sentenza tat-Tribunal Industrijali bl-istezz *computer print-out* ta' l-appell introdott mil-kumpanija Vittoriosa Catering Ltd fil-kaz "Godwin Vassallo -vs- Vittoriosa Catering Ltd" (Rikors Nru. 25/07);

Anke hawn il-kumpanija appellanti qeghda tirriafferma l-posizzjoni difensjonali ta' nuqqas ta' fiducja fl-appellata "minhabba fir-relazzjoni vicina li kellha l-appellata ma' bniedem illi kien arreka danni kbar lis-socjeta` appellanti". Din ir-"relazzjoni vicina" ghal liema talludi s-socjeta` appellanti tikkonsisti mill-fatt illi l-appellata hi z-zija tal-persuna li maghha Edoardo Barbato, ex-Security Manager tal-Casino di Venezia, ghandu relazzjoni intima. Ta' min jissottolineja illi din in-neputija ta' l-appellata ma kienetx fl-impjieg tas-socjeta` appellanti;

Mhux il-kaz li b' dawn l-istess fatti ta' l-appell l-iehor fuq imsemmi, il-Qorti toqghod tirrepeti l-istess konsiderazzjonijiet minnha zvolti f' dak l-appell l-iehor. Forsi hu l-kaz li tillimita ruhha ghal dawn ir-riflessjonijiet agguntivi:-

(1) Skond il-ligi t-tkeccija ta' haddiem, biex ma titqies ingusta, trid issir ghal "raguni tajba u bizzejjed" biex dak l-impjegat jintbaghat 'il barra mis-servizz [Artikolu 36 (14)]. Hu dan li jillegittima l-licenzjament;

(2) Fil-kaz prezenti dan il-presuppost sostanzjali ma jezistix, tant li lill-appellata ma gie addebitat ebda ksur kontrattwali gravi li jwassal ghat-tkeccija;

(3) L-appellata ma kellhiex tigi rinfaccjata, b’ xi estensjoni ghal qaghda tar-rapport tax-xoghol taghha, bl-imgieba ta’ Edoardo Barbato fl-incident tas-17 ta’ Lulju 2006 li b’ rizultat tieghu giet temporanjament sospiza l-licenzja tal-Casino. Lanqas bil-fatt illi l-appellata hi imparentata mal-konviventi ta’ l-istess Barbato. Certament, l-imgiebiet tan-neputija fil-hajja privata taghha u tar-relazzjoni ta’ din ma’ Barbato huma ghal kollox irrilevanti ghal fini tal-lezjoni tar-rapport fiducjarju u, zgur, li ma jikkostitwux raguni valida ta’ licenzjament ta’ l-apellata ghal dik ir-raguni. Allahares dan kellu jigi permess jew accettat ghax allura jkun ifisser li l-hajja privata tat-terzi kongunti tigi maghmula tincidi, a xelta unilaterali ta’ min ihaddem, fuq l-issoktar tar-rapport tax-xoghol ta’ l-impjegat. Dan, ghal din il-Qorti, la hu lecitu u wisq anqas gustifikat;

Mill-kumplament, il-Qorti taghmel taghha f’ dan l-appell ukoll l-osservazzjonijiet kollha minnha espressi f’ dak l-appell l-iehor per Rikors Nru. 25/07, u, *mutadis mutandis*, taghmilhom applikabbli ghall-fattispeci tal-kaz prezenti.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra stabbiliti fl-appell fl-ismijiet “Godwin Vassallo -vs- Vittoriosa Catering Ltd” (Rikors Nru. 25/07), deciz kontestwalment, l-appell odjern qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------